MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 1026/2011

**Emanuel ELLUL**

**Vs**

**Daniela SANT**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tal-attur mressqa fl-14 ta' Dicembru, 2011** u li permezz taghha huwa talab lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elf disa mija erbgha u tletin u zewg centezmi ta' euro [€1,934.02] u dan wara li ppremetta hekk:

"Is-somma ta' elf disa' mija erba u tletin euro u zewg centezmi [€1,934.02] mitluba b'dan l-avviz tirrapprezenta bilanc minn somma akbar, dovuta mill-konvenuta, ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni u ta' alterazzjonijiet mwettqa mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuta fil-fond fi Triq l-Iskola, kantuniera ma' Triq Annunzjata, gewwa Hal-Tarxien.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tat-2 ta' Awissu, 2011, u bl-imghax legali b'effett mit-2 ta' Awissu, 2011 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-konvenuta** minnha mressqa fil-21 ta' Dicembru, 2011 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi skond il-ftehim pattwit l-ispiza kellha tkun ta' €1,240 minn liema ammont l-esponenti diga hallset elf euro kif jirrizulta mill-annessa ircevuta.

Illi l-esponenti kienet xtrat iz-zebgha hi, li tammonta ghal sitta u sebghin euro, li ghandhom jitnaqqsu mill-bilanc ta' mitejn u erbghin euro.

Illi hija lesta li thallas il-bilanc ta' €164.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 4 ta' Mejju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Conrad Xerxen,** *quantity surveyor*, mressaq mill-attur fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2012 stqarr li kien gie nkarigat mill-attur sabiex jaghmel rapport tax-xogholijiet involuti li kien hemm u l-ispejjez ghar-rigward ta' xogholijiet li kienu saru mill-istess attur fil-proprjeta tal-konvenuta. Ix-xhud ghadda biex ipprezenta rapport li gie mmarkat bhala dok. CX1, liema rapport jindika dawn l-istess xogholijiet. Il-prezzijiet indikati minn dan ix-xhud fir-

rapport tieghu wasal ghalihom a bazi ta’ l-esperjenza li huwa ghandu f’dan il-qasam.

Ix-xhud stqarr li biex huwa wasal ghal ammonti ndikati minnu fir-rapport tieghu huwa kien inghata l-kejl tax-xogholijiet li kienu saru u r-rati taghhom mill-istess attur. Jaghlaq ix-xhieda principali tieghu billi jghid li “*jiena ghalija ghax-xogholijiet kollha li saru dak l-ammont huwa wiehed ragjonevoli hafna anzi qeghdin on the low side kif ghedt fir-rapport tieghi*” (fol. 11).

In kontro-ezami, x-xhud qal li l-prezz tax-xogholijiet hadhom minn fuq karta li kien hemm indikati fuqha l-prezzijiet tax-xogholijiet li kienu ser isiru, liema karta hija esebita a fol. 6 tal-process.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kienx mar *on site* biex ikejjel ix-xoghol li kien ghamel l-attur, ix-xhud qal li “*... le ma kontx mort on site pero l-kejl u l-measurement li nghatajt inghataw lili mill-attur anki anki ghar-rigward ta’ xogholijiet illi saru, qalli l-attur*” (fol. 12).

Fil-kontro-ezami ulterjuri tieghu maghmul fis-17 ta’ Frar, 2012 dan ix-xhud jaqbel li fir-rapport tieghu mmarkat bhala dok. CX1 kien hemm zball fl-ewwel faccata tieghu fejn hemm “*removal of two walls*” u dan peress li tnehha hajt wiehed biss. Mistoqsi jekk allura kienx ser jitbiddel l-ammont indikat minnu ta’ €232.93 ighid li le u l-uniku zball li kien hemm kien li huwa ndika zewg hitan mhux wiehed. Gie mistoqsi ukoll kemm kien sar skavar u dan sabiex tkun tista titbaxxa l-art, ix-xhud jwiegeb u jghid li ma jafx kemm kien sar thaffir pero jekk jithaffer centimetru jew inkella jithaffer pied l-istima xorta l-istess tkun. L-istess haga ghar-rigward tat-tieqa. Huwa qal li “*... xoghol ta’ tieqa pied pied jew tieqa erba’ piedi b’erba piedi galadarba jkun hemm il-fetha, l-prezz ser ikun l-istess*” (fol. 18).

2. **L-attur Emanuel Ellul**, qal li xogholu huwa ta’ bennej. Il-konvenuta kienet talbitu sabiex jaghmlilha xi alterazzjonijiet fid-dar residenzjali taghha gewwa Hal-Tarxien. L-attur imbaghad ghadda biex elenka x-

xogholijiet li kien ghamel fil-proprjeta tal-konvenuta. Dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:

i. Qlugh ta' zewg hitan biex jaghmel hajt wiehed u b'hekk jigi lira izjed;
ii. Ftuh ta' tieqa f'dan il-hajt;
iii. Tqattiegh ta' filata u nofs sabiex tkun tista ssir il-bazi ghat-tlugh ta' dan il-hajt;
iv. Travu tal-konkos;
v. Bini ta' hajt fuq dan it-travu;
vi. Tqeghid ta' travu, liema travu kellha tixtrieh il-konvenuta;
vii. Qlugh ta' l-art tal-post kollu u dan sabiex jkun jista jinzel filata taht il-madum u jimlieh biz-zrar u tinghata sodda tal-konkos;
viii. Tindif, tikhil u zebgha tal-faccata;

B'referenza ghall-ewwel stima (fol. 6), l-attur ighid li din kienet saret b'liri Maltin l-ghaliex ma kellux *calculator* mieghu u l-konvenuta ma sabitx problema dwar dan. F'din l-istima ma hemmx inkluz il-VAT. F'din l-istima hemm ukoll ricevuta maghmula minn idejn il-konvenuta ta' elf euro (€1,000) liema ammont ta' €1,000 kienu inghataw lill-attur meta beda x-xoghol.

Peress li kien hemm xi xoghol iehor li l-konvenuta kienet qabdet lill-attur biex jaghmel, huwa ta stima ohra (fol. 15). Dan ix-xoghol kien ghar-rigward tal-kamra tal-banju. Anke f'din it-tieni stima, l-VAT ma giex inkluz. Madwar xahar wara li kien beda x-xogholijiet, l-attur waqaf jahdem peress li kellu jidhol tad-dawl. Xi xahar wara dan, l-attur ighid li cemplitlu l-konvenuta u talbitu jigbor l-ghodda. L-attur ighid li huwa fehem li l-konvenuta ma kienitx sejra tkompli taghmel ix-xogholijiet li kienet qabdithom. Mit-tieni stima, l-attur kull ma ghamel kien tbaqqin ta' hajt ghal liema xoghol l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' mitt euro (€100).

Meta l-attur ma jigbor l-ghodda, l-konvenuta staqsietu ghal kont li kien ghad fadlilha thallas. Huwa kien pront u wegibha li hija kellha taghtih dak l-ammont li huma kienu ftehmu dwaru. Meta l-attur qalilha li dawk kienu fi flus

Maltin, l-attur ighid li l-konvenuta qaltlu li hija hasbet li kienu euros. Il-konvenuta ma qablitx ma dan u peress li ma ntlahaqx ftehim kellha ssir din il-kawza.

3. Fis-seduta tal-20 ta' April, 2012 xehed il-**Perit Nicholas Mallia** prodott mill-konvenuta li qal li huwa kien gie nkarigat mill-konvenuta sabiex jaghmel rapport, liema rapport gie esebit u mmarkat bhala dok. NM1. Ix-xhud qal li "*... qabel ma bdew ix-xogholijiet jiena kont mort fuq il-post u x'hin tlestew ix-xogholijiet ergajt mort*" (fol. 24). Ix-xhud qal li stante li l-ammont ta' xogholijiet kienu ftit allura kien iktar facli li jaghmel stima ta' xogholijiet bil-gurnata. Kompla jghid li "*... fil-fatt jiena hdimt stima ghax-xogholijiet illi saru fl-ammont ta' elf mitejn u hamsin euro eskluz it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*". Ir-rapport gie mahluf mix-xhud.

Meta gie mistoqsi in kontro-ezami r-raguni l-ghala huwa kien mar fil-proprjeta tal-konvenuta, huwa qal li mar hemm "*... sabiex intiha parir dwar aspett strutturali ta' gheluq ta' tieqa li kellha fil-faccata tad-dar*" (fol. 24-25). Waqt li kien hemm, ix-xhud iddiskuta mal-konvenuta xi aspetti ohra fosthom il-qlugh tal-hajt u t-tqeghid ta' travu. Meta gie mistoqsi jekk huwa iddiskutiex mal-konvenuta l-prezzijiet li l-bennej kien ta, huwa qal li meta kien mar l-ewwel darba ma gew diskussi l-ebda prezzijiet. Dawn gew diskussi wara li nqala l-inkwiet bejn il-partijiet.

Ix-xhud ighid ukoll li waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet huwa ma marx fuq il-post. Meta gie mistoqsi jekk huwa hax kejl tax-xogholijiet li kien ghamel l-attur, ix-xhud stqarr li le.

B'referenza ghall-ammont mitlub mill-attur fil-kont tieghu, x-xhud stqarr illi kieku kellu jaghmel stima tax-xogholijiet bil-kejl, allura l-ammont li kien ikun dovut lill-attur kien ikun ferm inqas mill-€1,250 li x-xhud wasal ghalih fir-rapport tieghu. Meta gie muri r-rapport tal-*quantity surveyor* ix-xhud ighid li hemm ftit *items* li huma ftit *inflated*. Semma bhala ezempju it-tieqa, t-thaffir sabiex jkun jista jsir l-i*strip footing* ghal pedament tal-hajt il-gdid, il-kejl tal-kamra.

Ix-xhud imbaghad jkompli jitkellem dwar kemm suppost dam l-attur fix-xoghol li kienet inkarigatu jaghmel il-konvenuta. F'dan ir-rigward, huwa jghid li "*fit-tielet faccata tar-rapport tieghi jiena ghidt fl-ahhar ta' dik il-faccata after having inspected the works carried out and after considering an acceptable speed of construction it is my opinion that the works should have taken two workmen five working days to complete the above mentioned alterations*". Meta gie mistoqsi jekk setax kien il-kaz li x-xoghol ikkomplika ruhhu minhabba xi imprevist, ix-xhud qal li ghalkemm jista jkun hemm kazijiet fejn in-natura tax-xoghol tikkomplika ruhha, f'dan il-kaz ma kienx hemm kumplikazzjonijiet.

Meta imbaghad gie mistoqsi dwar l-istima numru tnejn li hemm esebita a fol. 15 tal-process, ix-xhud qal li l-ammont ta' mitt euro (€100) ghat-tbaqqin tal-hajt kien gustifikat. Imbaghad, mistoqsi dwar is-simbolu li hemm fl-ewwel stima (a fol. 6) u cioe jekk din hiex liri Maltin jew inkella euro, dan ix-xhud ighid li din hija euros. Bhala ezempju qal li "*... fejn il-kelma konkos jiena ghalija din taghmel sens f'euros il-ghaliex l-ewwel jiena xehedt illi kien hemm il-konkos C20 qieghed bi tmenin euro (€80) il-jarda u allura hemm mija u sittin (160) jiena ghalija din tfisser euro.*" (fol. 27).

Meta gie muri l-lista li hemm a fol. 6 tal-process, ix-xhud stqarr li huwa jaqbel li l-affarijiet hemm indikati saru.

4. **Il-konvenuta** xehdet fis-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2012. Hija qalet li riedet taghmel xi xoghol ta' kostruzzjoni fil-proprjeta taghha gewwa Hal-Tarxien u wara li kollega taghha fuq il-post tax-xoghol ta' n-numru tat-telefon tal-attur, hija cemplitlu u ftehmet mieghu biex jiltaqaw fuq il-post. F'din l-ewwel okkazzjoni li kienu ltaqaw, il-konvenuta talbitu jaghtiha rendikont ta' kull oggett li riedet.

L-attur kellu ukoll jbajjad il-faccata, u li z-zebgha kellha tkun ghalih. Il-konvenuta spiccat marret tixtri z-zebgha hi minghand Ray's Shopping Centre, f'Victory Street, Qormi u nefqet €76.97c. Dan kien fl-1 ta' Frar, 2011.

Ghar-rigward tad-dokument immarkat bhala dok. DS 1 a fol. 6 tal-process, il-konvenuta tghid li huma kienu ftehmu li dawn ic-cifri kienu f'euro pero imbaghad sussegwentement saret taf li kienu flus Maltin. Hi tghid li l-attur qatt ma gibdilha l-attenzjoni taghha ghal fatt li dawn kienu flus Maltin hlief fi stadju ulterjuri hafna u mhux meta ta l-karta bil-prezzijiet.

Il-konvenuta tghid li mill-ammonti li hemm imnizla fid-dokument li hemm esebit a fol. 6 tal-process, huma c-cifri *highlighted* biss li kien ghamel l-attur. Ix-xoghol ta' madum ma ghamlux l-attur minkejja li kienu ftehmu biex dan isir.

Hi tghid ukoll li l-attur kien ghamlilha xoghol ta' tbaqqin fil-kamra tal-banju u fil-fatt hija taqbel ma l-ammont ta' mitt euro (€100) li zammilha.

Skond il-konvenuta, hija fadalha taghti lill-attur is-somma ta' tlett mija sitta u tmenin euro u tlieta u ghoxrin centezmi ta' euro (€386.23). B'referenza ghal fatt li l-attur qal li huwa dam madwar xahar sabiex ilesti x-xogholijiet li l-konvenuta kienet inkarigatu jaghmel, l-istess konvenuta tghid li "*l-attur ma kienx imur regolari d-dar gieli kien jigi siegha u gieli kien jaghmel erbgha sieghat, gieli kien ikun hemm granet fejn ma jersaqx lil hemm dawn kienu jghiduli n-nies. Kont anke sahansitra ncempel lill-attur biex nghidlu isma haffef u lestili*" (fol. 38).

In kontro-ezami, l-konvenuta stqarret li hi kienet kelmet lil perit taghha qabel ma kienet kelmet lill-attur u dan l-ghaliex riedet tara jekk kellhiex bzonn xi permessi qabel ma jibda x-xoghol. Hi ma kienitx uriet l-istima lill-perit pero kienet urieta "*lil xi nies li kienu jifhmu f'dan ix-xoghol u qaluli li huma prezzijiet ragjonevoli. Qed nghid hekk il-ghaliex jiena kont qed nifhem kif anke dawn in-nies kienu qeghdin jifhmu li l-prezzijiet kienu f'euro*" (fol. 38). Il-konvenuta tghid ukoll li l-istima kienet f'euro peress li fejn hemm il-kelma madum – li l-attur spicca ma ghamilx – "*hemm l-ammont ta' mitejn u tletin u jiena allura hadtha li qieghed euro peress li l-ammont ta' metri li kellu jsir f'dik il-kamra kien ta' hamsa u ghoxrin metru circa u b'hekk allura tigi ftit anqas minn ghaxar euro l-metru kwadru illi n-*

*nies li jiena staqsejt lilhom qaluli li kienet ragjonevoli*" (fol. 39).

Meta giet mistoqsija x'ghandha xi tghid ghal fatt illi l-attur kien qalilha li c-cifri huma f'valuta Maltija, l-konvenuta tghid illi "*... kieku qalli hekk jiena kont nghidlu grazzi u mbaghad inekllmek meta jkolli bzonn il-ghaliex zgur ma kontx sejra naccetta illi jaghmel dawk ix-xogholijiet b'dawk il-prezzijiet bl-liri Maltin*" (fol. 39).

Il-konvenuta tghid li hija pprovdiet iz-zebgha u li fl-ammonti indikati mill-attur fl-istejjem tieghu, kien hemm inkluz il-materjal.

Ghar-rigward ta' l-elf euro (€1,000) depozitu akkont, il-konvenuta tghid li dan inghata lill-attur ftit tal-granet wara li huwa kien beda x-xogholijiet. Ziedet tghid ukoll li l-istejjem kienu inkitbu mill-attur filwaqt li r-ricevuta ta' l-elf euro (€1,000) kienet kitbitha hi.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' elf disa mija erbgha u tletin euro u zewg centezmi ta' euro (€1,934.02) ghal xoghol ta' kostruzzjoni u alterazzjoni mwettqa minnu fil-proprjeta tal-konvenuta. F'dan l-ammont hemm inkluz ukoll il-provvizjoni tal-materjal.

6. Il-konvenuta da parti taghha qeghda tghid li skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet, l-ispiza ghax-xoghol fuq indikat kellha tkun ta' elf mitejn u erbghin euro (€1240). Minn dan l-ammont kellhu jitnaqqas ukoll l-ammont ta' €76.97 bhala prezz taz-zebgha li hija xtrat liema ammont kien inkluz fl-€1240 miftiehem. Hi tghid li disposta li thallas id-differenza li hi ghad fadallha taghti lill-attur pero mhux disposta li thallas l-ammont reklamat minnu fit-talba odjerna.

7. Jidher li d-dizgwid bejn il-partijiet fuq l-ammont dovut inqala minhabba l-fatt li c-cifra li tindika l-valuta li qeghda tintuza fid-dokument li jinsab esebit a fol. 6 tal-process ma

kienetx cara jekk hiex liri Maltin (LM) jew euro (€). Skond l-attur, l-ammonti miktubin minnu f'din l-imsemmija stima kienu f'valuta Maltija. Huwa jghid li "*jiena ma kontx tajtha stima bil-euro ghaliex dakinhar kont qieghed fuq ix-xoghol u ma kellix calculator biex naghmel l-istima bil-euro pero jiena kont avzajtha u qaltli li ma kinitx problema nhalliha bil-Maltin*" (fol. 20). In sostenn ta' l-argumentazzjoni a favur ta' din it-tezi, l-attur iressaq lill-*quantity surveyor* Conrad Xerxen li jghid li "*jiena ghalija ghax-xogholijiet kollha li saru dak l-ammont huwa wiehed ragjonevoli hafna anzi qeghdin on the low side kif ghidt fir-rapport tieghi*" (fol. 11). Da parti taghha l-konvenuta tghid li l-ammonti huma f'valuta ta' l-euro u li dan tant hu minnu li anke per ezempju fejn jidhol l-istima tat-tqeghid tal-madum, li l-attur spicca ma ghamlux, din tirrifletti l-prezz fis-suq tat-tqeghid tal-madum. Hija tghid li skond id-dok. DS1, l-attur kien ser jehdilha €230. Qalet illi l-kejl tal-kamra fejn kien ser jitqieghed dan il-madum kien ta' hamsa u ghoxrin metru kwadru. Kompliet tghid li kieku dan kien f'valuta ta' liri Maltin allura l-konvenut kien ser izommilha mitejn u hamsin liri Maltin (Lm250) ghat-tqeghid meta fir-rejalta, dan ix-xoghol huwa ikkalkulat fl-industrija bir-rata ta' cirka erba' liri Maltin (Lm4) ghal kull metru kwadru. B'hekk jekk wiehed jimmultiplika l-ammont ta' 25 metru kwadru bl-ammont ta' Lm4 tigi c-cifra ta' Lm100 li konvertita f'euro tigi pari ghal €232.94 li hija cifra ferm vicina l-230 li l-attur nizzel fl-istima tieghu a fol. 6 tal-process.

8. Fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kienet tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-*

*Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[1]"

9. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-*

[1] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

*sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*[2].

*(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'*[3].

*(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;*

(4) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni*[4].

---

[2] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[3] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;
[4] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

10. Issa f'dan il-kaz, it-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti dwar din il-kwistjoni u cioe jekk l-ewwel stima hiex miktuba f'valuta ta' liri Maltin jew f'euro. Inghad li "*ma hemm ebda motiv fil-ligi l'ghaliex ghandha tigi eskluza a priori t-testimonjanza ta' persuna wahda u hu veru wkoll li l-liberu apprezzament tad-deposizzjonijiet tax-xhieda hu mholli lil arbitrju prudenti tal-gudikant li ma ghandu isegwi ebda kriterju iehor hlief dak tal-konvinzjoni intima tieghu, jigifieri tac-certezza morali; però r-raguni naturali trid illi meta ma jkunx hemm hlief it-testimonjanza ta' persuna wahda il-gudikant ghandu jipprocedi bi prudenza kbira fl-apprezzament taghha u jipponderaha sewwa billi jivvaluta c-cirkostanzi kollha proprji biex jikkorroboraw jew jindebolixxu affievolixxu l-motivi tal-kredibilitá tieghu*[5]".

11. Fil-kaz prezenti, hemm cirkostanzi, indizji u kongetturi, li certament ma jistghux jigu traskurati, li jindebolixxu t-testimonjanza tal-attur ghar-rigward tal-fatt li l-valuta minnu uzata kienet wahda Maltija. Ibda biex, ix-xoghol sar fl-2011. Ghalkemm hadd mix-xhieda ma qal meta beda x-xoghol u lanqas ma hemm indikata xi data fuq l-istejjem maghmula mill-attur, jirrizulta li l-konvenuta xtrat iz-zebgha biex tkun tista tinzebah il-faccata taghha fl-1 ta' Frar, 2011 (fol. 37). Ghalhekk it-Tribunal jifhem li l-attur kien talabha tixtri z-zebgha l-ghaliex kien sejjer jbajjad il-faccata tad-dar taghha f'dak iz-zmien. Dan ifisser imbaghad li l-euro kienet ilha li giet introdotta bhala munita lokali mill-1 ta' Jannar, 2008 u allura kienet diga ilha tintuza ghal minn ta' l-inqas tlett snin qabel ma bdew ix-xogholijiet. It-Tribunal isibha difficli li wara tlett snin persuna tkun ghada ma dratx taghmel stejjem bl-euro.

12. Apparti minnhekk, kif gustament qalet il-konvenuta, meta l-attur indika fejn il-kelma madum ic-cifra ta' 230 din kienet qeghda tirreferi ghal euro u mhux ghal liri Maltin. Hija xi haga risaputa li l-prezz tat-tqeghid tal-madum ta' l-art hija bejn erba' jew hames liri Maltin il-metru kwadru. Meta wiehed jikkalkula l-kejl tal-kamra li fiha kien ser

---

[5] **Rosa armla minn Spampinato-Tabone noe vs Joseph Falzon**, deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) fil-11 ta' Dicembru, 1964;

jitqieghed il-madum u cioe 25 metru kwadru – skond ma xehdet il-konvenuta – wiehed jigi ghal ammont ta' Lm100 (jekk bl-Lm4 il-metru kwadru) jew Lm125 (jekk bil-Lm5 il-metru kwadru). Jekk mill-banda l-ohra wiehed ikollu jaccetta dak li qal l-attur u cioe li c-cifra ta' 230 hija f'valuta maltija, allura jigi li ghal kull metru huwa kien sejjer izzomm Lm9.20. Cifra din li hija ezorbitanti fil-fehma tat-Tribunal.

13. Finalment, l-attur ma sabhiex difficli biex juza c-cifra ta' l-euro meta ghamel it-tieni stima tieghu (fol. 15). Huwa minnu li din l-istima inghatat xi ftit taz-zmien wara l-ewwel stima pero xorta jibqa l-fatt li kien jaf u kien kapaci jaghmel stima bl-euro.

14. Ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma, tenut kont tal-provi prodotti, u wara li semgha u evalwa x-xhieda direttament hu stess, li l-istima li hemm esebita a fol. 6 tal-process hija mahduma f'valuta ta' l-euro.

15. Il-konvenuta tghid ukoll li x-xogholijiet li saru huma dawk *highlighted* minnha bil-kulur orangjo (fol. 6). Dan jikkombaccja max-xogholijiet li l-attur jghid li ghamel meta kien qieghed jiddeponi quddiem it-Tribunal. L-attur qabel ukoll mal-fatt li l-konvenuta taghtu s-somma ta' elf euro (€1,000) bhala depositu akkont mill-ammont lilu dovut. Finalment, il-konvenuta tghid li hija xtrat iz-zebgha sabiex tkun tista titbajjad il-faccata tad-dar taghha u nefqet is-somma ta' €76.97 (fol. 37) u ghalhekk dan l-ammont ghandu jonqos minn kull ammont dovut lill-attur. Anke hawn il-konvenuta ghandha ragun u dan peress li fl-ewwel stima (fol. 6) hemm miktub specifikatament hekk "*facatta tindif, tikhiel u zebgha kolox ghalija*".

16. Meta t-tribunal ghadd ic-cifri kollha mmarkati bl-orangjo fuq id-dokumenti li hemm esebiti a fol. 6 u fol. 15 tal-process huwa wasal ghas-somma globali ta' elf mitejn u erbghin euro (€1240)[6]. Ma dan l-ahhar ammont irid

[6] Din is-somma inhadmet hekk: fol 6 tal-process insibu s-segwenti sommom immarkati bl-orangjo: €360+€380+€50+€160+€100+€90 li jgibu s-somma ta' €1140. Ma din l-ahhar somma tizdied ic-cifra ta' €100 (fol. 15 – Dok. JH 1) biex b'hekk tigi s-somma globali ta' €1240.

jizdied it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' tmintax fil-mija (18%) l-ghaliex fl-istejjem din ic-cifra dejjem giet eskluza. Tmintax fil-mija (18%) ta' €1240 tigi s-somma ta' €223.20. Meta tghodd dawn iz-zewg ammonti flimkien tigi s-somma globali ta' €1463.20.

17. Ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur kellu jkun ta' elf erba' mija tlieta u sittin euro u ghoxrin centezmu ta' euro (€1,463.20). Issa minn dan l-ahhar ammont, il-konvenuta hallset elf euro depozitu kif jixhed l-istess dokument esebit a fol. 6 tal-process u oltre dan hallset is-somma ta' €76.97 fl-1 ta' Frar, 2011 biex xtrat iz-zebgha ghall-faccata tad-dar taghha minghand Ray's Shopping Centre. Dawn l-ahhar zewg ammonti – li flimkien jgibu l-ammont ta' €1,076.97 – iridu jitnaqqsu mill-ammont ta' €1,463.20.

18. B'hekk l-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur huwa ta' tlett mija sitta u tmenin euro u tlieta u ghoxrin centezmu ta' euro (€386.23).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, jichad it-tielet eccezzjoni taghha fejn hi tghid li "*lesta li thallas il-bilanc ta' €164*", jilqa t-talba attrici limitatament fl-ammont ta' tlett mija sitta u tmenin euro u tlieta u ghoxrin centezmu ta' euro (€386.23) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' tlett mija sitta u tmenin euro u tlieta u ghoxrin centezmu ta' euro (€386.23) bl-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez, in vista tal-fatti ta' dan il-kaz, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------